**Nru. 1137**

**ATT TAL-1992 DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (ARTIKOLU 46)**

**Skedar ta' Proprjetà**

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b'din qed tiddikjara li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri:-

**Wardija Ridge, Il-Ballut tal-Wardija, Il-Wied ta' San Martin, u l-inħawi tal-madwar, limiti ta' San Pawl il-Baħar u l-Imġarr**

(ara l-mappa f'paġna 12,308) qed tiġi inkluża fil-Lista ta' Proprjetajiet Skedati, skond l-Artikolu 46 tal-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

Għaldaqstant fuq il-bażi tal-*Policies* RCO 1, RCO10, RCO 11 u RCO 12 tal-Pjan ta' Struttura, l-Awtorità tiddikjara din il-proprjetà bħala mħarsa kif ġej:-

il-bosk bis-siġar tal-ballut u qiegħ il-Wied ta' San Martin bħala Żona ta' Importanza Ekoloġika u Sit ta' Importanza Xjentifika ta' Livell Wieħed (1);

il-promontorji u l-ġnub tagħhom bħala Żona ta' Importanza Ekoloġika u Sit ta' Importanza Xjentifika ta' Livell Tnejn (2);

il-parti ta' fuq tal-Wied ta' San Martin bħala Sit ta' Importanza Xjentifika ta' Livell Tnejn (2);

in-naħa tal-Punent ta' Wardija Ridge u l-kumplament tas-sistemi tal-widien bħala Żona ta' Importanza Ekoloġika u *Buffer Zone* ta' Livell Tlieta (3),

in-naħa ta' isfel tal-promontorju tal-Arġentier bħala Sit ta' Importanza Xjentifika ta' Livell Erbgħa; u

il-proprjetà kollha bħala Żona ta' Sbuħija Naturali *(Area of High Landscape Value),* kif indikat fuq il-pjanta annessa.

Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 15.34 sa 15.40 tal-*Explanatory Memorandum* tal-Pjan ta' Struttura għandhom jibdew jgħoddu għall-proprjetà msemmija hawn fuq. L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' infurzar, kif imfissra fl-artikli 46, 52, 53 u 55 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, f'każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet dwar proprjetà skedata.

Il-11 ta' Diċembru 2008

**No. 1137**

**DEVELOPMENT PLANNING ACT, 1992 (SECTION 46)**

**Scheduling of Property**

The Malta Environment and Planning Authority is hereby declaring the following property, namely:-

**Wardija Ridge, Il-Ballut tal-Wardija, Il-Wied ta' San Martin, and environs, limits of St Paul's Bay and Mġarr**

(see map on page 12,308) as included in the list of Scheduled Properties in terms of section 46 of the Development Planning Act, 1992.

Hence, on the basis of Structure Plan Policies RCO 1, RCO 10, RCO 11, and RCO 12, the Authority declares this property protected as follows:-

the Holm Oak forest and the watercourse at Il-Wied ta' San Martin as a Level One (1) Area of Ecological Importance and Site of Scientific Importance;

the plateaus and immediate escarpments of the three promontories as a Level Two (2) Area of Ecological Importance and Site of Scientific Importance;

the upper reaches of Il-Wied ta' San Martin as a Level Two (2) Site of Scientific Importance;

the Western edge of Wardija ridge and the rest of the valley systems as a Level Three (3) Area of Ecological Importance and Buffer Zone;

the southern part of the promontory at L-Arġentier as a Level Four (4) Site of Scientific Importance;

the entire property as an Area of High Landscape Value, as indicated on the map attached.

The provisions of paragraphs 15.34 to 15.40 of the Structure Plan Explanatory Memorandum shall apply with regard to the above-mentioned property. The Malta Environment and Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Development Planning Act, in the case of any contravention to the provisions as regards to Scheduled Property.

11th December, 2008


MEPA
St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295
MALTA ENVIRONMENT
AND PLANNING
AUTHORITY
(c) Copyright MEPA
Bounding Co-Ords. of Map :-
Min E41370, N75720
Max E45610, N78640
Title :-
Scheduling of Wardija Ridge,
Il-Ballut tal-Wardija, Il-Wied ta'
San Martin and environs,
limits of San Pawl il-Bahar /Mgarr
Ref No. :- GF 243/07
Legend :-
Level 1 AEI, SSI
Level 2 AEI, SSI
Level 2 SSI
Level 3 AEI / Buffer Zone
Level 4 SSI
AHLV
Form No. :- MU004
0
300
600
900
1200m
N